

Brussell, 23 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9481/23

SOC 323
EMPL 209
ECOFIN 443

NOTA

minn:	Il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Introduzzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali fis-Semestru Ewropew - Messaġġi Ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Messaġġi Ewlenin tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, fuq il-bażi tar-rapport tal-Grupp ta' Ħidma konġunt EMCO-KPS.

Il-Messaġġi Ewlenin ġew adottati f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-Kumitati preparatorji fil-laqgħa konġunta tagħhom fit-12 ta' Mejju 2023, bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill (EPSCO) fit-12 ta' Ġunju 2023.

Ir-Rapport sħiħ jinsab fid-dokument 9481/23 ADD 1.



Introduzzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali fis-Semestru Ewropew

Messaġġi Ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali

Introduzzjoni

1. **Il-konverġenza soċjali 'l fuq hija objettiv fundamentali tal-Unjoni li huwa mħaddan mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, kif affermat mill-ġdid mill-mexxejja tal-UE fid-Dikjarazzjoni ta' Porto tat-8 ta' Mejju 2021.** Kif stabbilit mill-Aġenda Strateġika 2019-2024 tal-UE, l-implimentazzjoni tal-Pilastru għandha tkun prijorità ewlenija fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, b'kunsiderazzjoni mistħoqqa għall-kompetenzi rispettivi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. F'dan il-kuntest, is-Semestru Ewropew – bħala l-qafas tal-UE għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politiki ekonomiċi, fiskali, tal-impjiegi u soċjali, f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea – għandu rwol ċentrali fl-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-Pilastru fl-Istati Membri.

2. **Il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) irriflettew dwar kif tista' tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tas-Semestru Ewropew, f'konformità mal-mandati riċevuti mill-Presidenza Franċiża, dik Ċeka u dik Żvediża** u wara l-inizjattiva mill-Belġju u Spanja biex tiġi introdotta "Proċedura ta' Żbilanċi Soċjali" (SIP), ippreżentata fil-laqgħa tal-Kunsill EPSCO ta' Ottubru 2021. L-opinjoni tal-EMCO-KPS tas-16 ta' Mejju 2022¹ issottolinjat il-ħtieġa għal aktar ħidma kunċettwali u analitika dwar aspetti ewlenin tal-inizjattiva, filwaqt li nnutat li l-Istati Membri kienu maqsuma dwar il-valur miżjud possibbli tagħha. Appoġġati mir-rapport sħiħ fl-Anness, dawn il-Messaġġi Ewlenin għandhom l-għan li jgħarrfu lill-Kunsill dwar l-eżami aktar approfondit li sar bejn Ottubru 2022 u Mejju 2023 biex jiġu esplorati modi kif tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tas-Semestru, filwaqt li jqisu l-fehmiet espressi qabel fl-Opinjoni.
3. **F'Settembru 2022, l-EMCO u l-KPS qablu li jwaqqfu Grupp ta' Ħidma konġunt iddedikat inkarigat milli jkompli jeżamina l-kwistjonijiet imsemmijin fl-Opinjoni tagħhom lill-Kunsill EPSCO ta' Ġunju 2022.** Bejn Ottubru 2022 u Marzu 2023, il-Grupp ta' Ħidma, magħmul minn rappreżentanti minn 21 Stat Membru² u l-Kummissjoni, kellu aktar diskussjonijiet metodoloġiċi u wettaq proġett pilota dwar kif il-qafas il-ġdid jista' jiġi strutturat u jiffunzjona. Id-diskussjonijiet pilota kienu appoġġati minn sensiela ta' dokumenti ta' pożizzjoni dwar l-arkitettura ġenerali u ta' dokumenti "fittizji" imħejjija mis-servizzi tal-Kummissjoni³, kif ukoll għadd ta' noti tas-Segretarjat bl-għan li jiġu diskussi eżempji fittizji iżda realistiki biex jiġu ddeterminati l-fehmiet tal-Istati Membri parteċipanti.

¹ Dok. 9222/22

² Il-parteeipazzjoni fil-Grupp ta' Ħidma kienet volontarja. L-Istati Membri li ġejjin applikaw biex ikunu membri tal-grupp: BE, CZ, DE, EE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LU, LT, LV, MT, NL, PL, PT, SI, SK.

³ Biex jappoġġaw il-proġett pilota, is-servizzi tal-Kummissjoni ħejjew dokumenti ddedikati li jservu bħala eżempji ta' kif Qafas ta' Konverġenza Soċjali jista' jiġi implimentat f'kull pass. Id-dokumenti mħejjija kienu eżempju ta' taqsima ġdida tar-*Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi*, eżempju ta' *Rapport dwar il-Konverġenza Soċjali*, it-test legali fittizju ta' *Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż (CSR)* b'referenzi għall-qafas il-ġdid fil-premessi, kif ukoll *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Konverġenza Soċjali fl-Unjoni* fittizji.

Wara l-eżami tar-Rapport imħejji mill-Grupp ta' Ħidma u d-diskussjoni mis-Sottogruppi tal-Indikaturi tagħhom, l-EMCO u l-KPS japprovaw il-konklużjonijiet li ġejjin, filwaqt li jirrikonoxxu livelli differenti ta' appoġġ qalb l-Istati Membri:

Definizzjoni u kamp ta' applikazzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali possibbli

4. L-introduzzjoni ta' "Qafas ta' Konverġenza Soċjali" tista', b'mod partikolari, tagħti l-opportunità li tiġi stabbilita analiżi aktar strutturata u aktar approfondita tal-iżviluppi tal-impjiegi u soċjali fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni fiċ-ċiklu annwali tas-Semestru, b'mod partikolari billi tibni fuq il-metodoloġija applikata għall-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi. Qafas bħal dan jipprovdi valur miżjud biex jiġu analizzati r-riskji u l-isfidi ġenerali għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Unjoni u biex dawn jingħataw viżibbiltà aħjar. Dan ma għandux jissarraff f'piż amministrattiv addizzjonali eċċessiv u jista' jagħti kontribut għal aktar modernizzazzjoni tal-għodod ta' monitoraġġ tal-Kumitati.

Integrazzjoni possibbli fis-Semestru Ewropew

5. **F'konformità mal-oġġettiv imsemmi hawn fuq, u mingħajr preġudizzju għal ftehim politiku dwar l-introduzzjoni tiegħu, f'Qafas ta' Konverġenza Soċjali l-Kummissjoni twettaq analiżi f'żewġ stadji.** L-ewwel nett, fil-proposta annwali tagħha għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, il-Kummissjoni tivvaluta l-eżistenza ta' *riskji* ġenerali għall-konverġenza soċjali 'l fuq għall-Istati Membri kollha fuq il-bażi tal-interpretazzjoni tas-sejbiet mill-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u tidentifika l-Istati Membri li jeħtieġu eżami ulterjuri. Is-servizzi tal-Kummissjoni mbagħad jippubblikaw "Rapporti ta' Konverġenza Soċjali" għal dawk l-Istati Membri identifikati bħala li qed iħabbtu wiċċhom ma' riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq. Dawn ikun fihom eżami aktar approfondit speċifiku għall-pajjiż bl-għan li jiġi ddeterminat jekk ikunx hemm *sfidi* reali għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Unjoni.

6. **Fl-analiżi tal-ewwel stadju fil-proposta għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, il-metodoloġija eżistenti applikata għat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali għandha tiġi kkomplementata minn kriterji⁴ li jiggwidaw l-identifikazzjoni tar-riskji ġenerali għall-konverġenza soċjali 'l fuq għall-Istati Membri individwali li jkunu jeħtieġu analiżi aktar approfondita. Dawn il-kriterji jaggregaw ir-riżultati mill-indikaturi ewlenin individwali tat-Tabella ta' Valutazzjoni u jappoġġaw evalwazzjoni inizjali tar-riskji potenzjali kumplessivi għall-konverġenza soċjali 'l fuq għal kull Stat Membru. Filwaqt li l-użu ta' kriterji sempliċi jista' jiżgura fehim usa' rigward l-identifikazzjoni annwali tal-Istati Membri, diversi delegati nnutaw li l-valutazzjoni tar-riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq tkun teħtieġ perspettiva fuq żmien itwal, li għaldaqstant għandha titqies bħala karatteristika tal-kriterji magħżulin.**
7. **L-analiżi tat-tieni stadju mwettqa fir-Rapporti ta' Konverġenza Soċjali tas-servizzi tal-Kummissjoni tkun imsejsa fuq evidenza kwantitattiva u kwalitattiva wiesgħa u kunsiderazzjoni xierqa tal-azzjoni ta' politika meħuda fil-livell nazzjonali biex jiġu indirizzati r-riskji identifikati għall-konverġenza soċjali 'l fuq.** B'mod partikolari, lil hinn mir-riżultati tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, il-Kummissjoni tuża l-ispettru sħiħ ta' għodod ta' monitoraġġ u oqfsa analitiċi li ntlaħaq qbil dwarhom fis-Semestru, li jkun jeħtieġ li jiġu kkomplementati minn informazzjoni kwalitattiva u sorsi nazzjonali fejn xieraq. Dan jinkludi, fost oħrajn, analiżijiet dwar ix-xejriet assoluti tal-indikaturi fuq perjodu medju, il-progress fuq il-miri nazzjonali għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll id-data minn indikaturi rilevanti oħra tal-UE (fosthom l-indikaturi sekondarji tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali proposti mill-Kummissjoni Ewropea fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali). F'konformità ma' analiżijiet oħra speċifiċi għall-pajjiżi mwettqa fi ħdan il-qafas usa' tas-Semestru, huwa importanti li jiġu żgurati konsultazzjonijiet bilaterali mal-Istati Membri dwar ir-Rapporti ta' Konverġenza Soċjali tagħhom qabel il-pubblikazzjoni tagħhom kif ukoll il-komplementarjetà mar-Rapporti tal-Pajjiżi li jkunu ser jiġu ppubblikati aktar tard fiċ-ċiklu tas-Semestru.

⁴ Fuq il-bażi ta' simulazzjonijiet estensivi diskussi fil-Grupp ta' Ħidma, id-delegati jkollhom it-tendenza li jappoġġaw l-identifikazzjoni annwali tal-Istati Membri li jeħtieġu eżami aktar approfondit skont limitu stabbilit minn qabel, imsejjes fuq (i) l-għadd ta' indikaturi ewlenin fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali kkategorizzati bħala "kritiċi" jew "li għandhom jiġu ssorveljati" għall-pajjiż fis-sena partikolari; u (ii.) l-għadd ta' indikaturi li juru żewġ każijiet konsekuttivi ta' deterjorament fil-kategorizzazzjoni tagħhom fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi.

8. **Ir-Rapporti ta' Konverġenza Soċjali jistgħu jintużaw bħala bażi għall-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali annwali tal-EMCO u l-KPS biex il-Kunsill jiġi mgħarraf dwar l-eżistenza ta' sfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq.** L-integrazzjoni tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali mal-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali tista' trawwem fehim komuni tal-isfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq u tal-azzjonijiet ta' politika relatati, b'perspettiva aktar approfondita speċifika għall-pajjiżi. Skont is-simulazzjonijiet diskussi fil-Grupp ta' Ħidma, diversi delegati jaqblu li din l-integrazzjoni tista' tipprovdi wkoll l-opportunità biex jiġi ssimplifikat u stabbilizzat l-approċċ tal-ħidma ta' sorveljanza tal-Kumitati, mingħajr żidiet sinifikanti fil-piż amministrattiv⁵.
9. **Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tal-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali, il-biċċa l-kbira tad-delegati jappoġġaw l-introduzzjoni ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill ġodda dwar il-Konverġenza Soċjali fl-Unjoni li kieku jiġu adottati mill-Kunsill EPSCO kull sena f'Ġunju.** L-Opinjoni ppreżentata f'Ġunju 2022 kienet diġà ssottolinjat li l-Kumitati kienu jilqgħu *"l-objettiv maħsub li tinżamm rappreżentanza bilanċjata tad-dimensjonijiet tal-impjiegi, soċjali, ekonomiċi u fiskali tas-Semestru Ewropew, billi jissaħħaħ ir-rwol tal-EPSCO fil-governanza tiegħu"*. Id-delegati favur il-Konklużjonijiet tal-Kunsill il-ġodda enfasizzaw li, billi jirrikonoxxu s-sejbiet fi ħdan il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, tali Konklużjonijiet jistgħu jżidu l-viżibbiltà politika tad-dimensjoni soċjali fis-Semestru Ewropew u jikkontribwixxu għat-titjib tal-eżiti fl-impjiegi u soċjali fil-livell nazzjonali u dak tal-UE. Xi delegati xorta waħda qajmu tħassib dwar l-għadd ta' dokumenti li jridu jitħejjew għall-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u kienu favur approċċ simplifikat, filwaqt li enfasizzaw il-ħtieġa li kull dokument ikollu skop ċar.

⁵ Bejn l-2020 u l-2023, l-EMCO u l-KPS adattaw l-approċċ tagħhom għas-sorveljanza multilaterali kull sena biex iqisu l-bidliet strutturali fis-Semestru Ewropew. L-integrazzjoni tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali mal-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali tippermetti li l-Istati Membri analizzati f'Rapport ta' Konverġenza Soċjali jiġu diskussi f'laqgħa waħdanija dwar il-ġabra sħiħa ta' sfidi. Meta mqabbel mal-approċċi adottati f'dawn l-aħħar snin, dan jista' jnaqqas l-għadd ta' rieżamijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

10. **L-identifikazzjoni tal-isfidi fi ħdan il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali la għandha twassal awtomatikament u lanqas direttament għal proposti għal Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi.** Sa fejn it-testi legali tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi jirreferu għal konverġenza soċjali 'l fuq fl-Unjoni, dawn għandhom jinkludu referenzi xierqa għall-qafas il-ġdid li jipprovdi l-bażi analitika.

Fid-dawl tal-konklużjonijiet imsemmijin hawn fuq u wara l-eżami tar-Rapport fl-Anness, fit-12 ta' Mejju 2023, il-Kumitati kkonkludew il-valutazzjoni tagħhom dwar kif tista' tissaħħa id-dimensjoni soċjali tas-Semestru Ewropew permezz tal-introduzzjoni possibbli ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali:

11. **L-EMCO u l-KPS jilqgħu n-narrattiva pożittiva proposta mis-servizzi tal-Kummissjoni għal "Qafas ta' Konverġenza Soċjali" (minflok "Proċedura ta' Żbilanċi Soċjali") bl-għan li jiġu identifikati u vvalutati aħjar ir-riskji u l-isfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Unjoni.** B'mod ġenerali, il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri għandhom it-tendenza li jirriflettu kunsens wiesa' fir-rigward tal-kunċett sottostanti ta' konverġenza soċjali 'l fuq, l-arkitettura tal-qafas fi ħdan is-Semestru, kif ukoll il-karatteristiċi tekniċi li jistgħu jintużaw biex jappoġġaw l-identifikazzjoni tal-Istati Membri li jeħtieġu eżami aktar approfondit. F'dan il-kuntest, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jilqgħu approċċ analitiku f'żewġ stadji implimentat mill-Kummissjoni, fejn is-sejbiet jiġu diskussi fl-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali tal-Kumitati biex il-Kunsill jiġi mġarraf dwar l-istat tal-konverġenza soċjali fl-Unjoni u jiġu kkunsidrati fil-proposti għal Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi.

12. **Il-valur miżjud tal-introduzzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali kien soġġett għal skrutinju mill-qrib, b'livelli differenti ta' appoġġ fost l-Istati Membri.** Is-servizzi tal-Kummissjoni, kif ukoll il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, innutaw il-benefiċċji ta' qafas aktar strutturat għall-monitoraġġ tal-iżviluppi fl-impjiegi u soċjali, kif ukoll il-possibbiltà li l-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali annwali tal-Kumitati EPSCO jsiru aktar preċiżi b'enfasi akbar fuq l-isfidi li jolqtu l-konverġenza soċjali u li ssir riflessjoni fuq l-irfinar tekniku tal-analiżi mwettqa bl-użu tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-metodoloġija applikata għaliha fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ssottolinjaw ukoll il-benefiċċji f'termini taż-żieda fil-viżibbiltà politika tal-isfidi tal-impjiegi u soċjali, kif ukoll il-kisba ta' fehim aktar komprensiv tal-istat tal-konverġenza soċjali fl-Unjoni.
13. **Madankollu, għad hemm inċertezzi għal xi Stati Membri dwar jekk Qafas ta' Konverġenza Soċjali jtejjibx b'mod sinifikanti l-identifikazzjoni tal-isfidi, fil-kuntest ta' riskji potenzjali ta' piż amministrattiv.** F'dan il-kuntest, l-isforzi mġedda għall-modernizzazzjoni tal-ġhodod ta' monitoraġġ tal-Kumitati, li bħalissa qed jiġu rieżaminati, ġew enfasizzati bħala prijorità ewlenija, speċjalment jekk ikun hemm qbil dwar l-istabbiliment ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali. Xi Stati Membri nnutaw ukoll li filwaqt li l-ħidma ta' sorveljanza multilaterali tal-Kumitati EPSCO tista' tibbenefika minn integrazzjoni mal-qafas, il-livell ta' koordinazzjoni meħtieġ fil-livell nazzjonali biex jiġu diskussi b'mod komprensiv l-isfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq jista' jkun hemm bżonn li jittejjeb u għandu jiġi ttestjat fil-prattika.

14. **L-introduzzjoni possibbli ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali għandha l-għan li tkun konformi mal-approċċ integrat tas-Semestru Ewropew kif stabbilit fil-proposti tal-Kummissjoni għal qafas riformat ta' governanza ekonomika tal-UE.** Filwaqt li l-proposti leġiżlattivi ppreżentati mill-Kummissjoni f'April 2023 jipprovdu bażi għda għas-sorveljanza futura bl-introduzzjoni ta' pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq perjodu medju li jikkombinaw politiki fiskali, ta' riforma u ta' investiment u rapporti ta' progress annwali biex isir monitoraġġ tal-progress, dawn ma jinvolvux bidliet fil-karatteristiċi ewlenin taċ-ċiklu annwali tas-Semestru Ewropew. Il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali ma jinvolvix il-ħsieb ta' interferenza mal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku u ma jimplika ebda bidla fil-proċedura u l-indikaturi li jintużaw f'dak il-proċess. Qafas ta' Konverġenza Soċjali għad possibbli jkun konsistenti ma' approċċ integrat għas-sorveljanza tal-politika fis-Semestru u jikkontribwixxi għal koordinazzjoni aktar b'saħħha u aktar effettiva tal-politika. Iwieġeb għall-oġettivi tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-iżgurar tan-natura integrata tas-Semestru Ewropew kif stabbiliti fil-proposti tal-Kummissjoni dwar il-qafas ta' governanza ekonomika tas-26 ta' April 2023. B'mod partikolari, l-analiżi aktar approfondita mill-Kummissjoni tal-isfidi speċifiċi għall-pajjiżi fil-qasam tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u dak soċjali u l-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali msaħħa tal-EPSCO u l-Kumitati konsultattivi tiegħu fi ħdan il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali l-għad jikkontribwixxu wkoll għal bażi analitika aktar b'saħħha għar-riflessjonijiet tal-Kummissjoni dwar proposti possibbli għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fejn xieraq u jnebbħu t-tfassil tal-politika tal-Istati Membri fil-kuntest tas-Semestru aktar integrat.